# Agħmel it-testijiet

Il-Klinika Ġenitourinarja (GU) tinsab fit-tieni sular tad-dipartiment tal-outpatients fl-Isptar Mater Dei. Hija toffri counselling, ittestjar, dijanjożi u trattament għal STIs u kwistjonijiet relatati mas-saħħa sesswali.

Il-klinika topera b'kunfidenzjalità assoluta, fejn kull pazjent jingħata kodiċi uniku malli jagħmel appuntament għall-ittestjar. Minn hawnhekk jistgħu jinkisbu wkoll riċetti għall-PrEP wara li jsiru ftit testijiet ta' rutina. Il-klinika hija professjonali ħafna fl-operat tagħha u spiss tiġi mfaħħra għal kemm tirrispetta u taħdem favur il-persuni LGBTIQ.

## Xi fatti:

L-irġiel li jkollhom x'jaqsmu sesswalment mal-irġiel (MSM) jirrappreżentaw il-maġġoranza tal-każijiet ġodda ta' HIV f'Malta

Meta jintużaw b'mod korrett u konsistenti, il-kondoms għandhom rata ta' suċċess ta' bejn 90 % u 95 % f'dak li għandu x'jaqsam mal-prevenzjoni tal-HIV

Malta għandha madwar 1 minn kull 1000 tal-popolazzjoni tagħha (fl-età ta' bejn il-15 u d-49 sena) li jgħixu bl-HIV/AIDS

L-aktar STIs komuni li jiġu rrapportati mill-GU clinic huma l-HPV, il-Klamidja, il-Gonorrea, is-Sifilide u l-HIV

Ħafna STIs huma bla sintomi, għalhekk, huwa importanti li tagħmel testijiet fuq bażi regolari u li tilbes kondom għas-sess penetrattiv

U=U

Undetectable = Untransmittable (U=U). Meta persuna tkun qed tgħix bl-HIV iżda tkun tinsab taħt trattament effettiv, il-livell ta' HIV (tagħbija virali) fid-demm ikun sostanzjalment aktar baxx. Dan jippermetti lill-persuna jkollha ħajja sesswali sana

transform

GVERN TA' MALTA
MINISTERU GĦALL-UGWALJANZA, IR-RIĊERKA U L-INNOVAZZJONI

GVERN TA' MALTA
UFFIĊĊJU TAD-DEPUTAT PRIM MINISTRU U MINISTERU GĦAS-SAĦĦA

UZ GENT — UNIVERSITEIT GENT

ILGA EUROPE — Equality for lesbian, gay bisexual, trans and intersex people in Europe

Malta College of Family Doctors

MUMN 1996 — Malta Union of Midwives and Nurses

TGEU

Steward Malta

**Id-Direttorat għad-Drittijiet tal-Bniedem**
A3 Towers, Level 0,
Triq l-Arkata
Paola PLA1211

www.humanrights.gov.mt
www.facebook/HRDmt
lgbtiq@gov.mt

Dan il-proġett huwa ko-finanzjat mill-Programm *tad-Drittijiet, l-Ugwaljanza u ċ-Ċittadinanza* (REC) tal-Unjoni Ewropea

# ĦU ĦSIEB SAĦĦTEK

## Is-Saħħa Sesswali fil-Komunitajiet LGBTIQ

## X'inhi s-Saħħa Sesswali?

L-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa tiddefinixxi s-saħħa sesswali bħala "stat ta' benesseri fiżiku, emozzjonali, mentali u soċjali b'rabta mas-sesswalità; hija mhijiex biss in-nuqqas ta' mard, disfunzjoni jew infermità.

Is-saħħa sesswali teħtieġ approċċ pożittiv u rispettuż għas-sesswalità u r-relazzjonijiet sesswali, kif ukoll il-possibbiltà li persuna jkollha esperjenzi sesswali pjaċevoli u sikuri, ħielsa minn sfurzar, diskriminazzjoni u vjolenza. Sabiex tinkiseb u tinżamm is-saħħa sesswali, jeħtieġ li jiġu rrispettati, imħarsa u ssodisfati d-drittijiet sesswali tal-persuni kollha." (WHO, 2006)

L-Infezzjonijiet Trażmessi Sesswalment (STIs) jiġu kkawżati minn viruses, batterji u parassiti li ġew identifikati li jiġu trażmessi permezz ta' kuntatt sesswali. Diversi każijiet ta' STIs jispiċċaw ma jiġux innotati, minħabba li xi nies ma jmorrux jagħmlu t-testijiet irrakkomandati minħabba biża', misthija jew nuqqas ta' sintomi.

Saħħa sesswali tajba tiddependi fuq visti mediċi regolari u sess protett. In-nies xorta jista' jkollhom ħajja sesswali sana u feliċi u saħħa sesswali tajba, anki waqt li jkunu qed jgħixu b'STIs li għalihom għadha ma teżisti l-ebda kura, bħall-HIV jew l-Epatite B, jekk issirilhom dijanjożi u jingħataw trattament fil-ħin.



## Is-Sess Orali

Is-sess orali huwa l-istimulazzjoni tal-pene jew tal-vaġina bl-użu tal-ħalq, tax-xofftejn jew tal-ilsien. Hemm riskju akbar li tieħu infezzjoni meta tkun qed tagħti aktar milli meta tkun qed tirċievi, liema riskju jista' jitnaqqas bl-użu ta' kondom jew diga dentali (dental dam).

Għandek tevita li tibla' s-semen jew il-fluwidi vaġinali jew li dawn jiġu f'ħalqek. Huwa rrakkomandat ukoll li ma taħsilx snienek qabel is-sess orali, minħabba li dan jista' jħalli qatgħat mikroskopiċi fil-ħalq, li jagħmluh aktar vulnerabbli għal STIs. Il-klamidja, il-gonorrea u s-sifilide jiġu trażmessi b'mod aktar komuni permezz tas-sess orali, filwaqt li l-infezzjoni tal-HIV hija rari ħafna f'każijiet bħal dawn.

## Is-Sess Anali

Is-sess anali jirreferi għall-penetrazzjoni tal-anus bl-użu ta' pene, swaba' jew ġugarelli sesswali. Is-sess anali spiss ikun assoċjat mal-MSM (l-irġiel li jkollhom x'jaqsmu sesswalment mal-irġiel), iżda huwa pprattikat anki minn irġiel u nisa eterosesswali. Is-sess anali mhux protett huwa meqjus bħala mġiba ta' riskju għoli għat-trażmissjoni ta' STIs, speċjalment għall-persuna li tkun qed tirċievi l-att sesswali. L-użu ta' kondom u lubrikant ibbażat fuq l-ilma jista' jnaqqas ħafna r-riskji involuti. Għandek tbiddel il-kondom jekk ikollok att sesswali ta' aktar minn nofs siegħa biex tevita li jitqatta'.

Il-kisja tar-rektum hija membrana rqiqa li tista' tiċċarrat jew issirilha l-ħsara faċilment waqt is-sess, li b'hekk tagħmilha aktar vulnerabbli għall-infezzjonijiet. Għalkemm il-fissuri ma jikkawżawx ħsara fit-tul lir-rektum, huma jfiequ bil-mod ħafna u jistgħu jżidu r-riskju li l-infezzjonijiet jidħlu fil-fluss tad-demm.

Jekk is-sess anali jkun segwit minn sess vaġinali jew orali, huwa importanti ħafna li tbiddel il-kondom li jkun qed jintuża. Dan inaqqas iċ-ċansijiet li tittrasferixxi l-batterja li jinstabu fir-rektum għall-vaġina jew għall-ħalq. Għandek tuża kondom differenti ma' kull persuna li jkollok x'taqsam magħha.

Jekk inti raġel trans li reċentement għamilt operazzjoni fin-naħa ta' isfel ta' ġismek(ġenitali) u għad għandek il-ġilda mhux imfejqa, dan jista' jagħmilha aktar faċli għalik li tieħu l-HIV jew li tgħaddih lil ħaddieħor, billi l-fsada (ħruġ ta' demm) tista' tipprovdi rotta għal ġo ġismek jew 'il barra minnu.

## Is-Sess Vaġinali

Is-sess vaġinali huwa l-penetrazzjoni tal-vaġina minn oġġett li jista' jkun pene, swaba' jew ġugarelli sesswali. Huwa importanti ħafna li meta jintużaw ġugarelli sesswali, jintuża kondom differenti ma kull persuna. Il-ġugarelli sesswali għandhom jinżammu f'kundizzjoni tajba u jitnaddfu regolarment bl-ilma u s-sapun. Il-ġugarelli sesswali ma għandhomx jiġu kondiviżi ma' ħaddieħor, jiġifieri ma għandhomx jintużaw minn persuni differenti.

Jekk inti mara trans li għamilt operazzjoni fin-naħa ta' isfel ta' ġismek (ġenitali), ir-riskju li tieħu STI jista' jvarja skont it-teknika użata għar-rikostruzzjoni ġenitali. L-użu ta' lubrikant ibbażat fuq l-ilma jgħin biex jiġi evitat it-tiċrit u jagħmel l-att sesswali aktar komdu. Dejjem uża kondom wara dilazzjoni vaġinali.

Irġiel trans li għad għandhom iċ-ċerviċi (l-għonq tal-utru) xorta jkollhom bżonn jagħmlu smear test ċervikali u mammogram regolari, sakemm ma jkunux għamlu mastektomija.



## Rimming (sess anali orali)

Rimming hija l-prattika fejn il-ħalq u l-ilsien ta' persuna jesploraw l-anus ta' persuna oħra. Huwa importanti ħafna li l-persuna taħsel ġisimha sewwa qabel u wara r-rimming, filwaqt li titlaqqam ukoll għall-Epatite A u B.

Ir-rimming jista' jżid ir-riskju li tieħu enterobatterji bħal shigella, salmonella u coli, li jistgħu jikkawżaw enterite u enterokolite. Ir-rimming ma għandux isir jekk xi ħadd ikollu ulċeri jew qatgħat fil-ħalq jew ikun għadu kif ħasel snienu. L-użu ta' digi dentali jista' jnaqqas l-ammont ta' kuntatt bejn il-batterji fl-anus u l-ħalq.

## Trattament Preventiv

Minbarra l-kondoms, li jipprovdu protezzjoni rħisa u effettiva kontra l-STIs, tista' tikkunsidra trattament preventiv bħall-PrEP (Profilassi Qabel l-Espożizzjoni), li jnaqqas ir-riskju ta' trażmissjoni tal-HIV b'aktar minn 99 % meta jittieħed b'mod korrett.

PrEP hija pillola li hija disponibbli fl-ispiżeriji lokali u li tinbiegħ lil dawk li jippreżentaw riċetta mill- Klinika Ġenitourinarja (GU) jew minn speċjalista tal-mard infettiv. Huwa rrakkomandat li l-użu u l-frekwenza tal-PrEP jiġu diskussi ma' min joħroġ ir-riċetta.

Il-PEP (Profilassi Wara l-Espożizzjoni) huwa kors qasir ta' mediċina li persuna tista' tieħu ftit wara l-espożizzjoni possibbli għall-HIV, sabiex ma tħallix dan il-virus jinqabad f'ġisimha. Dawk f'riskju għoli ta' espożizzjoni għall-HIV huma rrakkomandati li jużaw il-PrEP,bil-PEP tkun biss bħala l-aħħar alternattiva.

Billi l-PrEP u l-PEP jipprevjenu biss l-HIV, għandhom jintużaw il-kondoms biex jipprevjenu STIs oħrajn bħall-Klamidja, il-Gonorrea u s-Sifilide, li jistgħu wkoll ikollhom impatt fuq il-kwalità tal-ħajja.